MALTA

ATT Nru. III ta' 1-1985

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kap. 165.

ACT No. III of 1985

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Motor Vehicles Insurance (Third-party Risks) Ordinance, Cap. 165.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

15 ta' Frar. 1985

ATT Nru. III ta' l-1985

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kap. 165.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1985 li jemenda l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 2 tal-liġi prinċipali.

2. L-artikolu 2 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok it-tifsira ta' "polza ta' sigurtà" għandu jidħol dan li ġej:

" "polza ta' sigurtà" tfisser polza ta' sigurtà jew *covering note* li tkun maħruġa minn assiguratur awtorizzat u tinkludi ċertifikat internazzjonali ta' sigurtà maħruġ lil sewwieq ta' karrozza li jkun qed iżur pajjiż u valida għal Malta;", u

(b) minnufih wara t-tifsira ta' "drajver" għandhom jidħlu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "bureau barrani" tfisser organizzazzjoni ċentrali mwaqqfa minn assiguraturi tal-karrozzi f'xi pajjiż barra minn Malta sabiex jingħata effett lill-arranġamenti nternazzjonali għall-assigurazzjoni ta' sewwieqa ta' karrozzi kontra riskji ta' terzi persuni meta jidħlu f'pajjiżi fejn l-assigurazzjoni kontra dawk ir-riskji tkun obbligatorja, u li magħha l-*bureau* lokali jkun għamel dak l-arranġament;

"ċertifikat internazzjonali ta' sigurtà" tfisser ċertifikat internazzjonali ta' sigurtà magħmul kif imiss (magħruf bħala "*Green Card*") maħruġ lil sewwieq ta' karrozza li jkun qed iżur pajjiż taħt l-awtorità ta' *bureau* barrani jew tal-*bureau* lokali fil-forma stabbilita fir-rakkomandazzjoni ta' Ġunju 1952 magħmula mis-*Sub-Committee on Road Transport* ta' l-*Inland Transport Committee* tal-Komunjoni Ekonomika Ewropeja, kif emendata minn żmien għal żmien;

"*bureau* lokali" tfisser l-organizzazzjoni ċentrali mwaqqfa minn assiguraturi tal-karrozzi f'Malta sabiex jingħata effett lil arranġamenti nternazzjonali għall-assigurazzjoni ta' sewwieqa ta' karrozzi kontra riskji ta' terzi persuni meta jidħlu f'pajjiżi fejn l-assigurazzjoni kontra dawk ir-riskji tkun obbligatorja, u li tkun magħrufa għall-finijiet ta' din l-Ordinanza mill-Ministru responsabbli għall-pulizija;

"*motor cycle*" tfisser vettura bil-mutur b'żewġ roti;".

Emenda ta' l-artikolu 4 tal-liġi prinċipali.

3. L-artikolu 4 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Sabiex polza ta' sigurtà tkun skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, għandha tkun, barra milli tkun polza ta' sigurtà kif imfisser fl-artikolu 2 ta' din l-Ordinanza, li tassigura lil dik il-persuna, persuni, jew klassijiet ta' persuni, kif speċifikat fil-polza, kontra kull responsabbiltà li hija jista' jkollha jew huma jista' jkollhom minħabba l-mewt ta' persuna jew offiża fuq il-persuna kkaġunata mill-użu jew minħabba l-użu ta' vettura tal-mutur fit-triq:

Iżda ma jkunx meħtieġ li dik il-polza tkun tkopri —

(i) responsabbiltà għall-mewt ta' persuna li tkun fl-impieg ta' persuna assigurata bil-polza, ikkaġunata minħabba u fil-kors ta' impieg tagħha, jew għall-offiża fuq il-persuna li dik il-persuna tbati minħabba u fil-kors ta' l-impieg tagħha; jew

(ii) fil-każ ta' *motor cycle*, responsabbiltà għall-mewt ta' persuni jew għal offiża fuq persuni li jinġarru fi jew fuq, jew li jitilgħu fuq jew jinżlu mill-*motor cycle* fil-ħin tal-ġrajja li minnha jinqalgħu talbiet għad-danni; jew

(iii) responsabbiltà li ġejja minn kuntratt."; u

(b) minflok is-subartikolu (4) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Ħlief meta polza ta' sigurtà ma tkunx ċertifikat internazzjonali ta' sigurtà, polza ta' sigurtà ma għandha ebda effett għall-finijiet ta' din l-Ordinanza kemm-il darba u sakemm ma jiġix maħruġ mill-assiguratur awtorizzat favur il-persuna li ħadet il-polza, ċertifikat (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmi "ċertifikat ta' sigurtà") fil-forma stabbilita; u meta l-polza ta' sigurtà tkun ċertifikat internazzjonali ta' sigurtà, dak iċ-ċertifikat internazzjonali għandu, għall-finijiet kollha ta' din l-Ordinanza ħlief meta r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, ikun iċ-ċertifikat ta' sigurtà meħtieġ li jinħareġ taħt dan is-subartikolu.",

4. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 10 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "taħt il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1)" għandhom jidħlu l-kliem "taħt is-subartikolu (1)". **Emenda' ta' l-artikolu 10 tal-liġi prinċipali.**

5. Kull polza tas-sigurtà maħruġa validament għal finijiet tal-liġi prinċipali, qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, għandha bis-saħħa ta' dan l-Att titqies li tkopri r-riskji kollha kif meħtieġ bil-liġi prinċipali wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, u għandha tkompli titqies valida sa dak iż-żmien meta dik il-polza jkun imissha tiġġedded. **Disposizzjoni transistorja.**

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 231 tat-12 ta' Frar, 1985.

DANIEL MICALLEF
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati